**Sottomissjoni għall-Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Abbozzi ta' Liġi u Regolamenti dwar ir-Riforma tal-Ippjanar**

**Sfond**

Matul dawn l-aħħar tnax-il sena s-sistema tal-ippjanar f'Malta ġiet intenzjonalment staġnata. Minflok ma ġiet aġġornata kontinwament b'mod li tirrifletti t-tibdiliet ekonomiċi, demografiċi u soċjali kif ukoll il-htigijiet ambjentali u kulturali, is-sistema tal-ippjanar tgħabbiet b'tibdiliet bil-biċċiet, tibdiliet singoli intiżi biex jindirizzaw, b'xi skop jew iehor, sitwazzjonijiet partikolari u dan fl-assenza ta' pjan wiehed u koerenti. Dan l-*approach* wassal ineżorabbilment għal anomaliji u abbużi kkundannati anke mill-Qorti u għal inċertezzi kbar. Fl-istess ħin, fi żvilupp parallel għal dawn it-tibdiliet, l-Awtorità tal-Ippjanar qabdet, jew aħjar tqabbdet, it-triq li wasslitha biex tiddgħajjef drastikament, speċjalment fl-infurzar u l-*forward planning*, f'każijiet għad-detriment ta' dak li jgħatina karattru u jgħamilna aħna.

Il-Partit Nazzjonalista ilu snin jinsisti fuq riforma sħiħa, olistika, serja, trasparenti, bilanċjata u ġusta tas-sistema tal-ippjanar, inkluż iżda mhux limitat ghall-appelli, iżda l-Gvern kompla jinjora din l-għajta qawwija, għajta li ma kienetx ġejja biss mill-Partit Nazzjonalista imma wkoll minn diversi setturi fis-soċjeta'

**L-Abbozzi ta' Liġi u l-Proċess ta' Konsultazzjoni**

Il-Gvern ressaq fil-Parlament żewġ abbozzi ta' liġijiet li, jekk jiġu approvati, jistgħu jħallu konsegwenzi traġiċi fuq l-ambjent u fuq il-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Dawn l-abbozzi ġew ippreżentati b'għaġla kbira u nieqsa minn kull forma ta' konsultazzjoni, meta tali konsultazzjoni kellha f'kull kaz mhux biss issir, imma ssir b'mod kemm jista' jkun wiesa' u ta' sustanza.

Il-Partit Nazzjonalista immedjatament kif sar dan, iddikjara li l-Gvern għandu jirtira dawn l-abbozzi u jniedi proċess serju, eżawrijenti u trasparenti ta' konsultazzjoni wiesgħa u parteċipattiva wara l-pubblikazzjoni ta' studji aġġornati u neċessarji, inkluż dwar l-impatti tat-tibdiliet proposti.

Ma jistax ma jiġix responsabbilment rimarkat illi l-konsultazzjoni attwali ma tikkwalifikax ċertament bħala wahda eżawrijenti jew wiesgħa. Din hija ċertament limitata, bil-Gvern iwaqqaf kumitat magħmul minn Ministri u Segretarji Permanenti tiegħu stess biex "jikkonsulta", filwaqt li l-istess konsultazzjoni ġiet ikkundizzjonata minn stqarrijiet pubbliċi fejn saħansitra ġie ddikjarat minn qabel li mhux se jintlaħaq qbil mal-għaqdiet ambjentali u mal-partijiet interessati. Dan fih innifsu jmur kontra l-prinċipji ta' parteċipazzjoni u trasparenza li għandhom jiggwidaw kull riforma leġiżlattiva serja apparti li b'dan il-kliem jqajjem dubju serju illi din il-konsultazzjoni qed issir biss f'livell kożmetiku

għall-ahhar, bil-konklużjoni diġa deċiza u lesta għal kollox indipendentement minn kull ma jista' joħroġ minn proċess serju ta' konsultazzjoni ta' vera.

**L-Appelli u d-Drittijiet taċ-Ċittadini**

Il-Partit Nazzjonalista kien diġà ppropona s-sospensjoni ta' permess meta jkun hemm għaddej il-proċedura ta' appell u l-introduzzjoni ta' *timelines* aktar ċari għall-appelli. Dawn huma passi li huma fihom nfushom pożittivi. Madankollu, dak propost jista' jirriżulta ineffettiv u jdawwar is-sistema f'ċirku vizzjuż li jżied l-ispejjeż u ż-żmien.

L-emendi proposti huma oġġezzjonabbli għall-aħħar u dan anke bħala punt ta' prinċipju bażiku għaliex effettivament ser jirrestrinġu d-dritt tal-pubbliku li jappella mid-deċiżjonijiet tal-ippjanar. Aghar minn hekk, ser idghajjfu lill-istess Qrati taghna, li huma l-bastjun tad-drittijiet ta' kull ċittadin, billi jneħħu wkoll id-dritt tal-Qrati li jordnaw ir-revoka ta' permess tal-ippjanar.

L-implimentazzjoni ta' dawn il-bidliet tfisser ukoll li l-appelli quddiem il-Qorti se jkunu limitati għal punti ta' liġi biss, filwaqt li l-Qorti serjament ristretta u limitata tkun tista' biss tħassar jew tikkonferma deċiżjoni tat-Tribunal.

**Diskrezzjoni u Żarmar tal-Ġerarkija tal-Liġi**

Il-Kummissjoni u l-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar se jingħataw id-diskrezzjoni li jiddeċiedu differenti minn *policies* stabbiliti fuq il-bażi vaga ta' "kunsiderazzjonijiet spazjali jew arkitettoniċi".

Dan ifisser li pjanijiet lokali u *policies* approvati jistgħu jiġu injorati jew skartati.

Il-Kunsill Eżekuttiv se jkollu s-setgħa li joħroġ ċirkulari u jagħmel tibdil fiż-*zoning*, inkluż f'żoni barra ż-żona ta' żvilupp u,jew, biswit siti storiċi, mingħajr konsultazzjoni pubblika jew skrutinju parlamentari.

Anke jekk wieħed biss jisma' dan jinqara mill-ewwel jintebah bil-gravita' ta' dak li qiegħed jiġi propost, cioe' xejn inqas minn entitajiet pubbliċi b'poteri diskrezzjonali prattikament assoluti u effettivament insindakabbli. Dan jikkwalifika dawn il-proposti bħala n-negazzjoni tal-prinċipju ta' *checks and balances* li hu fil-qalba nnifisha tas-saltna ta' dritt sabiex tiġi dejjem evitata' konċentrazzjoni eżaġerata ta' poter a dannu tas-soċjeta' in ġenerali u a vantaġġ biss ta' min hu fil-poter jew viċin wisq tiegħu.

Dan ikisser il-ġerarkija tal-liġi u s-sinsla tas-sistema tal-ippjanar u jimmina ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà.

**Konċentrazzjoni ta' Setgħa fl-Eżekuttiv**

B'żieda ma dak imsemmi fis-sezzjoni ta' qabel din, b'dak li qiegħed jiġi propost il-Ministru kkonċernat u l-Prim Ministru qed jingħataw setgħat estensivi biex jestendu jew jirrevokaw *ex lege* l-iskadenza ta' permessi, saħansitra dawk li skadew snin ilu, u biex jintervjenu fil-

*policies* mingħajr skrutinju parlamentari. Dawn l-abbozzi ta' liġi jagħtu lill-Awtorità tal-Ippjanar, u lill-Ministru, setgħat estensivi biex jaqbżu l-garanziji eżistenti, jgħollu l-għoli tal-bini u jbiddlu *ż-zoning* anke f'żoni sensittivi għal patrimonju nazzjonali. Dan jikkonċentra s-setgħa f'idejn l-Eżekuttiv, idgħajjef l-indipendenza tal-Awtorità, iċajpar it-trasparenza u jxekkel is-separazzjoni tal-poteri.

Barra minn hekk, il-ħatra tas-CEO tal-Awtorità tibqa' f'idejn il-Ministru, mingħajr kontroll parlamentari, meta l-Partit Nazzjonalista ilu jinsisti li din il-ħatra għandha tgħaddi mill-Kumitat Parlamentari għall-Ħatriet Pubbliċi biex jiżdiedu t-trasparenza u l-kontabilità f'settur fejn propju tali trasparenza u tali kontabilita' hija tant u tant mehtiega

**Żviluppi mingħajr il-Bżonn ta' Permess**

Qed jiġu introdotti żviluppi li ma jeħtieġux permess, fosthom strutturi li jiżżarmaw u li mhumiex viżibbli minn triq. Din il-formulazzjoni vaga ghall-ahhar toħloq riskju serju għax tista' tippermetti żviluppi ferm akbar minn sempliċi struttura fil-bitħa ta' xi ħadd.

Il-kriterju tal-viżibbiltà hu limitat, temporanju u ineffettiv, ma hemmx limiti fuq id-daqs, l-għoli jew it-tul taż-żmien li dawn l-istrutturi jistgħu jibqgħu fuq il-post, jista' jkun hemm ħsara irreparabbli f'żoni ta' sensittività arkeoloġika jew ekoloġika, l-infurzar ser ikun diffiċli ħafna, u tneħħew ukoll protezzjonijiet oħra, fosthom dawk relatati mar-riklamazzjoni tal-art.

**Regolarizzazzjoni u Sanzjonar ta' Żviluppi Illegali**

Qed jiġu proposti wkoll regolarizzazzjoni u sanzjonar ta' żviluppi illegali, kemm ġewwa u sahansitra anke  barra ż-żona ta' żvilupp, bi kriterji laxki ghall-ahhar

Skemi simili kienu ġew introdotti madwar għaxar snin ilu u l-fatt li qed jiġu ripetuti jfisser li l-infurzar falla kompletament, li l-abbużi ġew inċentivati flok imrażżna u li nħolqot kultura ta' laissez-faire minnflok ġew indirizzati l-illegalitajiet kif suppost, anke b'rispett għal dawk kollha li b'serjeta' u anke b'sagrificcju osservaw il-liġi.

**Viżjoni għal Riforma Sħiħa u Responsabbli**

Kull riforma tal-ippjanar għandha tkun olistika, serja u trasparenti, ibbażata fuq evidenza xjentifika u fuq studji serji bħall-aġġornament tal-iSPED, filwaqt li tippromwovi l-parteċipazzjoni pubblika wiesa kemm jista jkun permezz ta' konsultazzjoni vera u tirrestawra l-fiduċja fis-sistema tal-ippjanar.

Is-sistemi ta' regolarizzazzjoni u sanzjonar għandhom ikunu fermi u responsabbli, ibbażati fuq kriterji ċari u stretti li jiskoraġġixxu l-abbużi, filwaqt li kull deċiżjoni dwar dawn il-proċessi għandha tiġi ppubblikata bir-raġunijiet tagħha biex jiġi żgurat kontroll u skrutinju serju.

Il-Partit Nazzjonalista qed jipproponi mekkaniżmu strutturat u formali ta' medjazzjoni u kjarifikazzjoni li jġib flimkien l-applikant, minn oġġezzjona, il-Kunsilli Lokali, l-NGOs, il-

*consultees* interni u esterni tal-Awtorita', l-uffiċjali tal-każ uċ-ċittadin  Dan il-proċess ta' medjazzjoni għandu jservi biex ħafna kwistjonijiet jiġu ċċarati u solvuti minn kmieni, tiġi evitata l-konfrontazzjoni bla bżonn u jitnaqqsu l-ispejjeż u d-dewmien għal kulħadd. biex jitnaqqsu l-kunflitti, tiżdied il-konsistenza u t-trasparenza, jitħaffef il-proċess u jitnaqsu l-emendi fuq l-emendi tal-proġett u jingħata leħen veru liċ-ċittadin

**Konklużjoni**

Il-mod kif tiġi trattata r-regolamentazzjoni ta' l-ippjanar f'pajjizna ikollu mpatt qawwi fuq is-socjeta' in generali; impatt li jmur ferm oltre mill-ippjanar u l-iżvilupp innifsu u li jeffettwa l-istess kwalita' tal-hajja tal-Maltin u l-Ghawdxin.

It-tibdiliet proposti mhux biss jonqsu milli jġibu riforma serja, iżda jżidu l-arbitrarjetà, idghajjfu il-hidma u l-effettivita' tal-Qrati, jaghtu lil entitajiet pubblici poteri sproporzjonati u diskrezzjonali;  isaħħu kultura ta' impunità u jikkonċentraw is-setgħat f'idejn il-Gvern.

Il-Partit Nazzjonalista ser ikompli jiddiskuti dawn il-punti u oħrajn waqt li jressaq alternattiva bbażata fuq ġustizzja, trasparenza u sostenibbiltà li tirrestawra l-fiduċja tas-soċjetà fis-sistema tal-ippjanar u tpoġġi l-bniedem u l-ambjent fiċ-ċentru tal-proċess.